MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-30 ta' April, 2014

Numru 750/2005

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**vs**

**Philip Attard**

**Christopher Attard**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra –

**Philip Attard** bin John u Michelina *nee'* Muscat, imwieled Pieta' fid-19 t'April, 1971 u residenti Flat 4, Entratura G, Triq Dun Mauro Inguanez, Birkirkara, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 186771M;

**Christopher Attard** John u Michelina *nee'* Muscat, imwieled Pieta' it-18 ta' Mejju, 1982 residenti Flat 4, Entratura G, Triq Dun Mauro Inguanez, Birkirkara, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 285682M;

Talli bejn l-14 t'Awissu 2004 u l-20 t'Awissu 2004 gewwa numru 7/1, Sunshine Flats, Triq Bwieraq, Birkirkara u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer volontarjament hassartu, jew gharraqtu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, proprjeta ghad-dannu ta' Nadia O'Flaherty u ghan-nom ta' terzi, liema hsara ma teccedix il-hames mitt lira Maltin (Lm491.52) imma tkun izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50) u dan bi ksur ta' l-artikolu 325 (b) tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali fit-termini tal-artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta sabiex il-kaz kontra l-imputati jkun trattat u deciz bil-procedura sommara (fol 2);

Ra illi l-imputati ddikjaraw illi ma kellhom l-ebda oggezzjoni sabiex il-kaz kontra taghhom ikun trattat u deciz bl-istess procedura (fol 12 u 13);

Semghet il-provi;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-prosekuzzjoni ressqet lill-imputat sabiex iwiegbu ghal din l-akkuza singolari ta' hsara volontarja wara rapport li sarilha minn sid ta' appartment li persuni kienu dahlu fi hwejjigha u qalbulha kull ma kien kien hemm;

Mill-assjem tal-provi jemergi illi dakinhar tal-incident, il-kwerelanta, Dr. Nadia O'Flaherty kienet irceviet telefonata minghand huha li minn naha tieghu kien ircieva telefonata minghand il-gara fl-istess binja li kienet rat zewg minn nies hiergin jigru mill-appartament taghha. Meta accediet fil-fond, l-kwerelanti nnutat li l-bieb tal-appartament kien zgassat u sabet hafna taqlib u diversi oggetti miksura u ghalhekk ghamlet rapport lill-Pulizija. Meta l-Pulizija accediet fuq il-lok ikkonstatat dan l-izgass kif ukoll taqlib u sabet *mobile phone* mal-art li ma kienx jappartjenti lil-sid l-appartament. L-Pulizija kellmet lill-gara li hija mart l-imputat Philip Attard li infurmathom illi kienet semghet daqqa u hoss kbir u meta harget tittawwal rat zewg persuni johorgu mill-flat tal-kwerelanta. Il-Pulizija innutat zaghzuh qed ifittex xi haga gewwa Bwieraq Street fejn dawn l-appartamenti. Dan kien l-imputat l-iehor Chris Attard li huma ahwa u fil-parti komuni tal-flat Chris Attard instemgha jghid li huh li kien tilef it-telefon. Meta ddecidew li jcemplu in-numru tieghu fejn allura dan beda jdoqq fil-flat tal-kwerelanta. Dak kien bizzejjed ghall-Pulizija biex tarresta liz-zewg imputati u tressaqhom quddiem din il-Qorti;

Din il-Qorti semghet kif inizzjalment kien hemm amicizija bejn il-familja Attard u l-kwerelanta tant li kienet tithalla taccetti fil-fond taghhom kwazi liberament. Meta izda l-familja Attard deherilhom li ghadhom jibdew izomm ftit ta’ distanza mill-kwerelanta din indunat u bdiet tivvendika ruhha tant li darba minnhom ircevew telefonata li d-dar taghhom kienet qed taqbad u malli waslu fuq il-post sabu li dan ma kien minnu xejn. Dan wassal sabiex l-familja Attard marret tirrisjedi band’ohra.

Issa l-kaz odjern jirrigwarda zewg okkazjonijiet fejn l-imputati allegatament ghamlu hsara fil-bieb tal-appartament tal-kwerelanta. Minkejja l-allegat taqlib, hsarat fl-ghamara, vjolazzjoni ta’ hwejjeg haddiehor u griehi fuq il-persuna, l-prosekuzzjoni ghazlet li tressaq lill-imputati biex iwiegbu ghall-hsarat li, skond il-kwerelanta, ghamlu fil-bieb taghha. L-imputati jinnegaw li qatt ghamlu din il-hsara li taghha kienet esebita ricevuta mahruga minn mastrudaxxa fl-ammont ta’ 311.52 liri Maltin (fol 62). Din ir-ricevuta hija mahruga favur James O’Flaherty li huwa hu l-kwerelanta izda Nazzareno Briffa cahad li dik ir-ricevuta harigha hu jew li qatt ghamet xi xoghol lill-kwerelanta. Din ir-rievuta inharget fl-4 ta’ Novembru 2004 u hija ghal-tiswija ta’ bieb u zewg sellaturi meta din il-hsara sehhet fl-14 u fl-20 t’Awissu 2004. Il-kwerelanta ma spjegat xejn dwar dan it-trapass ta’ zmien bejn it-tigrib tal-hsara u t-tiswija taghha, li jfisser biss li qaghdet bil-bieb ma jissakkarx tul dak iz-zmien kollu u li dan ma tantx huwa plawsibbli. Mart Philip Attard ma setghetx taghti deskrizzjoni taz-zewg persuni li rat hiergin mill-appartament tal-kwerelanta u ghalkemm dan kollu seta kien *mise en scene* da parti tal-familja Attard, jibqa’ l-fatt illi ma hemm xejn x’jorbot lill-imputat ma dan ir-rejat hlief ghat-telefon cellulari tal-imputat Chris Attard misjub fl-appartament tal-kwerelanta. Madanakollu l-Qorti hi tal-fehma li din il-prova wahidha mhix sufficjenti sabiex tinstab htija kontra l-imputati;

Ghal dawn il-motivi, ma ssibx lill-imputati hatja u tilliberahom.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------